



C/2024/6034

8.10.2024

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni
(Kawża M.11637 – SONOCO / EVIOSYS)
Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2024/6034)

1. Fis-27 ta' Settembru 2024, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾.

Din in-notifika tikkonċerna l-impriża li ġejjin:

- Sonoco Products Company ("Sonoco", l-Istati Uniti),
- Eviosys Group ("Eviosys", l-Iżvizzera).

Sonoco se takkwista, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll tal-intier ta' Eviosys.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriża kkonċernati huma dawn li ġejjin:

- Sonoco hija manifattur globali ta' prodotti tal-imballaġġ industrijali u għall-konsumatur, inklużi b'mod partikolari laned komposti u kontenituri tal-karta riġidi. Fl-Ewropa, hija attiva l-aktar fil-plastik għall-konsumatur u industrijali, fil-bottijiet komposti (ibbażati fuq il-karti) u, sa ċertu punt, għotjen ta' bottijiet tal-metall awtonomi,
- L-attivitajiet ta' Eviosys jaqsmu s-soluzzjonijiet tal-imballaġġ tal-ikel tal-metall, l-għeluq, id-disinji promozzjonali tal-imballaġġ tal-metall, u l-laned tal-aerosol bi pjanċi żgħar. Fl-Ewropa, hija attiva fl-imballaġġ għall-ikel u l-bottijiet promozzjonali, l-ghotjen ta' bottijiet awtonomi, u l-aerosols.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament simplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ⁽²⁾ għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.11637 – SONOCO / EVIOSYS

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

⁽²⁾ ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz ta' email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË
